# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.5

**Kap: Il-ħbieb tagħna!**

**Lezzjoni 5.5: L-imġiba mal-ħbieb.**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jirrevedu xi tfisser relazzjoni.
2. Jaqsmu flimkien kif jistgħu jkunu r-relazzjonijiet mal-membri tal-familja, mal-ħbieb, fl-iskola jew fil-clubs li jattendu .

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint: Making friends
- Friendship chain (crafts)
- Karta ta' Taħriġ addizzjonali.

**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Ibda l-lezzjoni billi tgħid lill-istudenti:

  "Immaġina li int ġejt mistieden għall-festin ta' għeluq snin ta' tifel mill-klassi tiegħek, iżda lill-aqwa ħabib tiegħek ma stidnuhx. Int kieku x'kont tagħmel? Għaliex?"

- Staqsi: Il-'best friends' għandhom dejjem jagħmlu kollox flimkien? Bilfors irid ikollhom l-istess ħbieb?



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

- Spjega kemm hu mportanti li jkollok ħbiberiji ma' ħbieb differenti li tiltaqa' magħhom l-iskola, il-mużew, f'xi klabb tal-futbol jew jekk tkun membru ma' tal-iskawts.
- Fisser li, li tqatta' l-ħin mal-ħbieb hu sabiħ. Anke Ġesù kien iqatta' l-ħin mal-ħbieb. Ġesù kellu ħafna ħbieb bħal Lazzru u ħutu Marta u Marija, li kienu ħbieb tal-qalb tiegħu, kien għamel ħbieb ma' Zakkew u kellu l-aqwa ħabib li kien Pietru, Indri ħu Pietru u l-kumplament tal-appostli.
- Uri l-ppt - Making friends.



- Fisser kif l-ewwel ħbieb tagħna huma l-ġenituri u ħutna. Minħabba li nkunu għadna żgħar ikollna bżonn tal-protezzjoni tagħhom. Meta nikbru ftit u nibdew nattendu l-iskola nagħmlu ħbieb ġodda. Jekk nidħol f'xi klabb tal-futbol jew f'xi banda, hemm ukoll ħa jerġa' jkolli opportunità li nagħmel aktar ħbieb. Xi kultant, f'ċerti mumenti dawn il-ħbieb ikunu jistgħu jifhmuna b'mod differenti minn kif jifhmuna tal-familja.
- Agħlaq il-lezzjoni billi t-tfal jagħmlu 'friendship chain'. Tista' wkoll tuża l-Karta ta' Taħriġ Addizjonali li qed tingħata.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Importanti li nagħraf min huma l-aktar nies importanti għalija fil-ħajja tiegħi.
2. Mhux mal-ħbieb kollha nista' niftaħ qalbi, imma ma' dawk li l-aktar nafda bħalma huma l-ġenituri.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Jien nagħżel li ma' kull min nagħmel ħbieb nagħmel minn kollox biex inkun leali, onest u nirrispettahom bħalma Ġesù kien mal-appostli.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Nagħmlu 'friendship chain' :

Karti maqtugħin fi strixxi, tfal jiktbu l-isem tal-ħbieb u jgħidu għaliex huma ħbieb tagħhom. Dawn l-istrixxi tgħaqqadhom flimkien biex tagħmel katina kbira u tista' ddendilha mal-klassi.



**Nitolbu**

Għinni Mulej, sabiex inkun ħabib tajjeb u ta' vera, li nkun dejjem leali u li qatt ma nweġġa' bi kliemi.

